## SECONDARY SCHOOLS ANNUAL EXAMINATIONS 2001

Educational Assessment Unit - Education Division

| FORM 1 | HISTORY | ĦIN: Siegħa u nofs |
|---|---|---|

Isem: ____________________ Klassi: __________________

1. Agħmel sinjal taħt it-tajba.

1.1 Il-Pre-Istorja huwa dak iż-żmien meta n-nies
(a) kienu foqra (b) ma kinux jafu jiktbu (ċ) ma kinux intelligenti
(d) kienu jixbhu lix-xadini. (2)

1.2 Il-Pre-Istorja f'Malta spiċċat meta
(a) nbnew it-tempji (b) saru jafu bir-ram (ċ) ġew il-Feniċi
(d) ġew ir-Rumani. (2)

1.3 L-ewwel fdal tan-nies f'Malta nstab
(a) f'Ħaġar Qim (b) fi Skorba (ċ) f'Għar Dalam (d) fl-Ipoġew (2)

1.4 Neolitiku tfisser
(a) l-aħħar perjodu ta' żmien il-Ħaġar (b) meta n-nies sabu l-metalli
(ċ) meta n-nies saru kaċċaturi (d) meta nbnew it-tempji. (2)

1.5 L-aqwa mqades f' Għawdex huma dawk
(a) ta' l-Imnajdra (b) Tal-Qadi (ċ) Ta' Ħaġrat (d) tal-Ġgantija. (2)

(Total: 10 marki)

2. Fl-ispazju ta' hawn taħt pinġi jew spjega bil-kitba kif inhuma l-imqades tal-Ġgantija.

(5 marki)

3. Studja l-istampi u wieġeb għal dawn id-domandi.



Sors 1



Sors 2

3.1 X'qed jagħmlu l-irġiel f' Sors 1? ______________________________ (2)

3.2 X'qed jagħmlu l-irġiel f' Sors 2? ______________________________ (2)

3.3 X' tikkummenta dwar is-saħħa fiżika tagħhom?

__________________________________________ (2)

3.4 Minn dak li qed tara fl-istampi, veru jew falz li kienu intelliġenti? _____

Għaliex? __________________________________________________ (2)

3.5 Għalxiex ntużaw dawk il-ġebliet? ______________________________(2)

3.6 Għala kienu jużaw ġebel kbir u mhux żgħir? ______________________

__________________________________________ (2)

3.7 F'sors 2 jidhru ħbula. Minn xiex setgħu għamluhom? ______________

__________________________________________ (2)

3.8 F'sors 2 jidher l-injam. Min fejn kienu jġibu l-injam? _______________

__________________________________________ (2)

3.9 X'għodda kienu jużaw biex jaqtgħu l-ġebel?

____________________________________________________________ (2)

3.10 Semmi xi ħaġa oħra li qed tinnota fl-istampi u kkumenta fuqha.

____________________________________________________________ (2)

(Total: 20 marka)

4. Imla l-vojt bil-kliem jew frażijiet li ġejjin:

l-Oraklu, Żews, negozjanti u baħħara, Gwerer Punici, Iċ-Ċippus, Melitaion u Gayliton, villa Rumana, Egħmejjel l-Appostli, San Pawl Milqgħi, Bizzantini.

4.1 ____________________ għenet ħafna biex inkixef l-alfabett Kartaġiniż li kien intesa. (2)

4.2 Il-miġja ta' San Pawl f'Malta nsibuha fil-ktieb magħruf bħala ____________________________________________________ (2)

4.3 ____________________kienu n-nies ta' l-imperu Ruman tal-Lvant. (2)

4.4 Fil-kamra ta' ____________________ fl-Ipoġew ta'Hal saflieni nsibu bħal ħofra fil-ħajt magħmula biex b'xi mod jitkellmu ma' l-allat tagħhom u jisimgħuhom iħabbrulhom il-ġejjieni. (2)

4.5 Sir Temi Zammit kien skava _______________________ fir-Ramla l-Ħamra Għawdex. (2)

4.6 F' ______________________, f'Burmarrad, jinsabu fdalijiet antiki ta' żmien ir-Rumani. (2)

4.7 Il-Griegi kellhom bosta allat, imma l-aqwa fosthom kien ______________________. (2)

4.8 Il-_________________ iġġielduhom bejniethom ir-Rumani u l-Kartaġiniżi.(2)

4.9 Il-Feniċi żaru bosta postijiet għax huma kienu ____________________ mill-aqwa. (2)

4.10 Fi żmien ir-Rumani Malta u Għawdex kienu magħrufa bħala ___________________________. (2)

(Total: 20 marka)

5. Ikteb sentenza b'kull waħda minn dawn li ġejjin biex turi li taf x'inhuma jew min kienu. Qis li f'kull sentenza jkollok żewġ punti tajbin.

5.1 (Il-Quran) _____________________________________________________
_____________________________________________________ (4)

5.2. (Mekka) _____________________________________________________
_____________________________________________________ (4)

5.3 (Il-Barbari)_____________________________________________________
_____________________________________________________ (4)

5.4 (Imsiebaħ)_____________________________________________________
_____________________________________________________ (4)

5.5 (Il-Priamidi)_____________________________________________________
_____________________________________________________ (4)

(Total: 20 marka)

6. Qabbel poplu ma' kull waħda minn dawn li ġejjin.

| | | | |
|---|---|---|---|
| 6.1 | Sigra taċ-Ċedru | ______________________ | (2) |
| 6.2 | Ruma | ______________________ | (2) |
| 6.3 | Jom Kippur | ______________________ | (2) |
| 6.4 | Bieb il-Griegi | ______________________ | (2) |
| 6.5 | Moska | ______________________ | (2) |

(Total:10 marki)

7. Agħżel mistoqsija waħda minn dawn li ġejjin u ikteb fuqha fit-tul.

7.1 Ikteb fuq il-fdalijiet pre-istorici li nsibu f'Malta u f'Għawdex. Spjega min għamilhom u għalfejn. Kif inhuma miżmuma u x'jista' jsir biex nieħdu ħsiebhom aħjar.

7.2 Fost affarijiet oħra, matul din is-sena studjajt fuq popli differenti. Agħżel poplu li ħakem fuq Malta u spjega dwaru. Kieku int kont tgħix dak iż-żmien x'kien idejqek u x'kien jogħoġbok?

7.3 X'nafu dwar il-mod kif Malta u Għawdex saru Nsara? Inti taħseb li kulħadd sar Nisrani mill-ewwel? X' diffikultajiet seta' ltaqa' magħhom San Pawl meta pprietka r-reliġjon Nisranija?

7.4 Taħseb li l-miġja ta' l-Għarab ġabet bidla kbira f Malta? Kieku int kont tgħix f'dak Iż-żmien, x'diffikultajiet stajt tiltaqa' magħhom?

(15–il marka)